# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 7

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

10 ta' Jannar 2017

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 7/01 Rata tal-kambju tal-euro ..... 1

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 7/02 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8328 — The Cerberus Group / Staples Europe) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata [1] ..... 2

2017/C 7/03 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8339 — Macquarie/Prédica/Pisto) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura simplifikata [1] ..... 3

MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## **Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**Id-9 ta' Jannar 2017**

(2017/C 7/01)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,0516 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3954 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 122,66 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,1562 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4339 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5067 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,86660 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5135 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,5533 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 266,33 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0721 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 14,4127 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,2958 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,0193 | HRK | Kuna Kroata | 7,5701 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 033,73 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,021 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,7080 |
| HUF | Forint Ungeriż | 308,21 | PHP | Peso Filippin | 52,188 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,3777 | RUB | Rouble Russu | 62,8383 |
| RON | Leu Rumen | 4,5016 | THB | Baht Tajlandiż | 37,574 |
| TRY | Lira Turka | 3,9210 | BRL | Real Brażiljan | 3,3780 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4357 | MXN | Peso Messikan | 22,3940 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 71,6875 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8328 — The Cerberus Group / Staples Europe)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 7/02)

1. Fit-22 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Promontoria Holding 192 B.V. ("Promontoria") li tappartjeni għal Cerberus Group ("Cerberus", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-impriża Staples Solutions B.V. kollha kemm hi ("Staples Europe", in-Netherlands) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Cerberus: Ditta ta' investiment privat li hija involuta fl-investiment fil-proprjetà immobbli u l-proprjetà personali ta' kull tip, li jinkludi, iżda mhux biss, stokk kapitali, riċevuti depożitorji, kumpaniji ta' investiment, fondi mutwi, sottoskrizzjonijiet, warrants, bonds, opzjonijiet u titoli oħra ta' natura varja, f'diversi setturi mad-dinja. Għalkemm l-ebda industrija ma tikkostitwixxi parti sinifikanti mill-fatturat ta' Cerberus Group, xi wħud mis-setturi ewlenin li fihom l-impriżi kkontrollati minn Cerebrus Group jiġġeneraw fatturat huma s-servizzi finanzjarji, il-manifattura, il-materjali tal-bini u l-proprjetà immobbli.

— għal Staples Europe: Fornitur ta' provvisti għall-uffiċċju, prodotti u servizzi teknoloġiċi, faċilitajiet u provvisti ta' kmamar għall-brejks, għamara, servizzi tal-ikkopjar u tal-istampar u firxa wiesgħa ta' kategoriji oħra ta' prodotti għan-negozji u l-konsumaturi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2], ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), jew bl-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bir-referenza M.8328 — The Cerberus Group / Staples Europe, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
(2) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8339 — Macquarie/Prédica/Pisto)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura simplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 7/03)

1. Fit-23 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]), li permezz tagħha l-intrapriżi Macquarie Group Limited ("Macquarie", l-Awstralja) u Prédica Prévoyance Dialogue du Crédit Agricole ("Prédica", Franza) jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-intrapriża Macquarie Strategic Storage Facilities Holdings S.A.R.L. kollha kemm hi (Franza), il-kap ta' Groupe Pisto ("Pisto") permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Macquarie tipprovdi servizzi bankarji u finanzjarji, kif ukoll servizzi ta' konsulenza, ta' investiment u l-ġestjoni ta' fondi.

— Prédica tagħmel parti mill-Groupe Crédit Agricole, grupp li joffri firxa wiesgħa ta' servizzi bankarji u ta' assigurazzjoni;

— Pisto hija attiva fil-ġestjoni ta' faċilitajiet ta' riċeviment, ħżin u ta' trasferiment ta' prodotti petroliferi.

3. Wara eżami preliminari u mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali tagħha dwar dan il-punt, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8339 — Macquarie/Prédica/Pisto, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT